**KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIZABILITÀ**

**NATIONAL COMMISSION PERSONS WITH DISABILITY**

**MALTA**

*Ufficju tad-Direttur Ezekuttiv*

*Office of the Executive Director*

*Stqarrija ghall-Istampa kollha*

# PEKTUR

## Programm Edukattiv Kontinwu, Tahrig u Ricerka

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' qed tohrog sensiela ta' fuljetti ta' informazzjoni biex taghti taghrif ahjar u ezatt lill-pubbliku dwar is-servizzi taghha. Dawn il-fuljetti ta' informazzjoni , barra li fihom it-taghrif generali fuq is-servizz, jinkludu ukoll taghrif dwar min jista' japplika u kif tista' tapplika biex tibbenefika minn dawn is-servizzi.

Ir-raba' fuljett li hareg illum jiddeskrivi l-programm PEKTUR li jaghti ghotjiet finanzjarji lil progetti li ghandhom x'jaqsmu ma' edukazzjoni kontinwa, ricerka u tahrig fil-qasam tad-dizabilita', li jorganizza korsijiet qosra ta' tahrig ghal attivisiti b'dizabilita' u l-genituri ta' persuni b'nuqqas intellettwali u jiehu hsieb jissussidja ricerka li taghmel il-Kummissjoni.

Dan il-programm jiftah opportunitajiet godda u jinkoraggixxi lil persuni b'dizabilita' u l-familji taghom, genituri ta' persuni b'dizabilita', organizzazzjonijiet li jahdmu fil-qasam tad-dizabilita', individwi ohra interressati f'dan il-qasam, amministraturi, policy makers u edukaturi fis-setturi tas-servizzi umani biex japplikaw ghal din l-ghajnuna. Kulhadd jista' japplika, imma prijorita' tinghata lil applikazzjonijiet minn persuni b'dizabilita' u organizzazzjonijiet tal- (*u mhux ghall-*) persuni b'dizabilita'. It-talbiet ghal din l-ghajnuna jigu ezaminati minn Bord imwaqqaf apposta ghal dan il-ghan. Dan il-Programm jaghmel sejha ghal applikazzjonijiet darbtejn fis-sena.

Il-fuljett dwar PEKTUR jista' jinkiseb bil-Malti u bl-Ingliz, kif ukoll f'diversi forom ohra, fosthom: bil-Braille, b'tipa kbira, fuq audio cassettes jew minn fuq il-website tal-Kummissjoni htttp://www.knpd.org. Biex takkwista kopja tal-fuljett bil-forma li tixtieq, ikteb jew cempel, lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita', Centru Hidma Socjali, Santa Venera - Tel: 2148-7789; Textelefon: 2144-6536; Email: helpdesk@knpd.org.

Aktar dettalji ta' kif issir il-process ta' l-ghazla, kif taghmel proposta u l-kriterji ta' l-ghazla jistghu jinkisbu ukoll minn fuq l-webpage tal-Kummissjoni http://www.knpd.org



Centru Hidma Socjali, Triq Braille, Sta. Venera HMR 18, MALTA
KNPD: 2148-7789 · 2144-8521 Fax: 2148-4609 Text telefon: 2144-6536
PABX : 2144-1311, ext. 218 Email: alfredbezzina@knpd.org
Webpage: http://www.knpd.org/